MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 710/2009

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia
Spettur Fabian Fleri)

vs

Bernard sive Benny Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identità numru 523464(M), akkuzat talli:

1. nhar l-14 ta’ Lulju 2009, ghall-habta ta’ nofsinhar, f’Bormla, ikkommetta serq ta’ flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u valur li jaccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ewro centezmu (E232.94c) izda mhux l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’

Amadeo Zerafa persuna anzjana ta' hamsa u tmenin sena;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmi Amadeo Zerafa kontra l-volonta' tieghu;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmi Amadeo Zerafa hekk kif iccertifikat Dr. Kelly Taliana MD mill-isptar Mater Dei.

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5. fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistarti (Malta), nhar it-10 ta' Mejju 2006, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

6. rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra.

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'Malta, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar l-25 ta' Ottubru 2008 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali u fost kundizzjonijiet ohra li ma jaghmilx reat iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap 9.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija skond l-akkuza kif dedotta tirrevoka il-beneficju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Bernard

sive Benny Muscat u dan ai termini ta’ l-artikolu 579 subinciz 3 tal-Kap9.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota mibghuta mill-Ufficcjal Prosekutur.

Ikkonsidrat:

Li stante l-mewt tal-imputat fil-mori ta’ dawn il-proceduri tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------